*57th World Day of Peace, 1st January, 2024*

# Artificial Intelligence and Peace

## Prayers of the faithful

*Priest:* It is Christ who is our peace and who calls us to follow him as peacemakers in our violent and wounded world. Let us pray for our community and all those who have been called to join in his mission:

- For Pope Francis and his ministry, that he may continue his bold proclamation of the gospel of justice, peace and reconciliation.

**Lord hear us. R. Lord graciously hear us**.

- For our political leaders and for us all, that we may stop provoking division and hatred and recognise every human being as a child of God, our brother and sister, regardless of religion, race, language or culture.

**Lord hear us. R. Lord graciously hear us.**

- For all the victims of violence perpetrated by harsh words, deadly weapons, or cold indifference. We pray especially for an end to wars and violent conflicts across the world, those we are aware of in Israel, Palestine and Ukraine and the many that are forgotten but still persist like in Sudan and Yemen.

**Lord hear us. R. Lord graciously hear us.**

- For all involved in the development and use of artificial intelligence, that all technology may become a means to promote the common good and not used for violence, the exploitation of human beings or the destruction of creation.

**Lord hear us. R. Lord graciously hear us.**

*Priest:* In a moment of silence, let us place before the Lord our own hunger and thirst for peace and justice.

Heavenly father you sent your only Son into the world to bring life and life in abundance. Fill our hearts with the fire of your love, make us instruments of your peace and help us end all injustice which brings so much suffering to our brothers and sisters. We ask all this through Christ our Lord. Amen.

## Talb tal-fidili

*Saċerdot:* Huwa Kristu li hu l-paċi tagħna u li jsejħilna biex nimxu warajh u nġibu l-paċi fid-dinja vjolenti u muġugħa tagħna. Ejjew nitolbu għall-komunità tagħna u għal dawk kollha imsejħin biex jissieħbu mal-missjoni tiegħu:

- Għall-Papa Franġisku u l-ministeru tiegħu, biex ikompli t-tħabbira kuraġġuża tiegħu tal-evanġelju tal-ġustizzja, il-paċi u r-rikonċiljazzjoni.

**Nitolbu. R. Ismagħna nitolbuk Mulej**

- Għall-mexxejja politiċi tagħna u għalina lkoll, biex nieqfu niżirgħu l-firda u l-mibegħda u nagħrfu li l-bnedmin kollha huma ulied Alla, hi x'inhi r-reliġjon, ir-razza, il-lingwa u l-kultura tagħhom.

**Nitolbu. R. Ismagħna nitolbuk Mulej**

- Għall-vittmi kollha tal-vjolenza frott il-kliem iebes, l-armi, jew l-indifferenza. Nitolbu speċjalment biex jieqfu l-gwerer u l-kunflitti vjolenti madwar id-dinja, kemm dawk magħrufa bħal f'Iżrael, il-Palestina u l-Ukrajna, kif ukoll dawk moħbija bħal fis-Sudan u l-Yemen.

**Nitolbu. R. Ismagħna nitolbuk Mulej**

- Għal dawk kollha involuti fl-iżvilupp u l-użu ta' l-intelliġenza artifiċjali, biex it-teknoloġija tkun mezz biex nippromwovu l-ġid komuni u qatt ma tintuża b'mod vjolenti, għall-isfruttament tal-bniedem jew għall-qerda ta' l-ambjent.

**Nitolbu. R. Ismagħna nitolbuk Mulej**

*Saċerdot:* F'mument ta' skiet, ejjew inpoġġu quddiem il-Mulej il-ġuħ u l-għatx tagħna għall-paċi u l-ġustizzja.

Missier qaddis int bgħatt lil Ibnek il-waħdieni fid-dinja biex iġibilna l-ħajja u l-ħajja bil-kotra. Imla qlubna bin-nar tal-imħabba tiegħek, għamilna strumenti tal-paċi tiegħek u għinna negħlbu l-inġustizzji li tant jikkawżaw tbatija fost ħutna l-bnedmin. Dan nitolbuh bi Kristu Sidna. Ammen.